MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 68/2021 LM

**Unique Turnkey Limited (C 37841)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**518 Active Ageing Limited (C 58868)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **Unique Turnkey Limited (C 37841)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ**,** [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-21 ta' Mejju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo appellat'], li permezz tiegħu t-Tribunal laqa' parzjalment it-talba tas-soċjetà appellanta

Unique Turnkey Limited u kkanonizza l-ħlas dovut mis-soċjetà appellata **518 Active Ageing Limited** fis-somma ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€245,724.62), minn liema somma ordna li titnaqqas is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li huwa l-ammont likwidat mit-Tribunal bħala penali għad-dewmien, u ordna li l-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru mid-data tal-*lodo* arbitrali. It-Tribunal ordna wkoll li l-ispejjeż tal-arbitraġġ jitħallsu mill-partijiet nofs kull wieħed.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-proċeduri istitwiti quddiem it-Tribunal, is-soċjetà attriċi ressqet talba għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' import ta' ħames mija u sebgħa u sebgħin elf, u ħamsa u tmenin Euro u tmin ċenteżmi (€577,085.08) kwantu xogħlijiet eżegwiti minnha f'Medina Home, illum Saint Elizabeth Home, Labour Avenue, ir-Rabat, Malta, u dan in forza ta' ftehim ta' appalt maqbul u ffirmat bejn is-soċjetajiet kontendenti fl-4 ta' Frar, 2015.

3. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta laqgħet għal dan billi eċċepiet li skont l-imsemmi ftehim ta' appalt bejn il-partijiet, kull ħlas dovut minnha kellu jsir wara ċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol mill-Perit Charles Buhagiar, liema perit approva x-xogħlijiet li saru permezz ta' ċertifikat maħruġ fl-14 ta' Frar, 2018, għall-valur komplessiv ta' miljun, erba' mija u disgħa u għoxrin elf, disa' mija u tlieta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,429,943.59). Is-soċjetà konvenuta spjegat li hija kienet ħallset l-ammont ta' miljun, tliet mija u tlieta u tletin u tlieta u sittin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,333,063.97) akkont

tax-xogħlijiet imwettqa fuq il-proprjetà in kwistjoni, u għalhekk il-bilanċ aċċettat bħala dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi għandu jkun fl-ammont ta' sitta u disgħin elf, tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€96,879.62). Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li minkejja li x-xogħlijiet kuntrattati ma kinux ġew eżegwiti kollha, is-soċjetà attriċi waqfet mix-xogħol fl-aħħar ta' Settembru 2017, u sa dakinhar kien hemm dewmien fl-eżekuzzjoni tal-proġett ta' 173 ġurnata lavorattiva, għall-valur ta' €25,950, kif iċċertifikat mill-Perit Charles Buhagiar. Is-soċjetà konvenuta kompliet tgħid li hemm *snag list* ta' xogħlijiet mhux mitmuma jew li huma difettużi, u li tħallew hekk sa dakinhar li s-soċjetà attriċi waqfet mix-xogħlijiet. Ġie eċċepiet ukoll li s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat minn terzi kontra s-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €502,469.08, li kien ifisser li kull pagament li s-soċjetà konvenuta kienet obbligata tagħmel favur is-soċjetà attriċi, kellu jiġi ddepożitat fl-atti tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Qalet li hija laħqet iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti erba' pagamenti ta' erbat elef, sitt mija u tlettax-il Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€4,613.32) kull wieħed.

4. Is-soċjetà konvenuta ressqet talbiet rikonvenzjonali li permezz tagħhom talbet lit-Tribunal isib u jiddikjara li s-soċjetà attriċi hija ħatja ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, kif ukoll li hemm xogħol mhux mitmum jew difettuż, sabiex jillikwida l-valur dovut mis-soċjetà attriċi bħala penali għad-dewmien u għax-xogħol mhux mitmum jew difettuż, kif ukoll talbet għall-kundanna tal-ħlas tal-ammont hekk likwidat. Is-soċjetà konvenuta spjegat li b'kollox ġie stabbilit li kien hemm 173 ġurnata ta' dewmien, u l-ħlas tal-penali għal dan id-dewmien jammonta għal ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u ħamsin Euro (€25,950), kif ukoll

talbet li jkun hemm likwidazzjoni mit-Tribunal tax-xogħlijiet mhux mitmuma jew difettużi.

5. Is-soċjetà attriċi wieġbet għal dawn it-talbiet rikonvenzjonali billi eċċepiet li d-dewmien allegat kien dovut għal varjazzjonijiet minn dak li kien oriġinarjament miftiehem u ordnat, kif ukoll li kien meħtieġ xogħol addizzjonali fuq is-sit. Eċċepiet ukoll li l-ħlas tal-penali skont il-klawsola numru 20 tal-kuntratt kellha tiskatta f'każ li ma jkunx hemm xogħol addizzjonali għall-*bill of quantities,* u għalhekk tali penali mhumiex applikabbli għall-każ odjern. B'riferiment għall-allegazzjoni li kien hemm xogħol mhux mitmum, is-soċjetà attriċi wieġbet li fl-ebda mument qabel inbdew il-proċeduri ta' arbitraġġ hija ma ġiet infurmata mis-soċjetà konvenuta li x-xogħol in kwistjoni ma ġiex mitmum jew li kien difettuż. Qalet ukoll li d-dar tal-anzjani fejn saru x-xogħlijiet kienet ilha żmien twil tintuża u topera, u x-xogħlijiet eżegwiti minnha saru skont normi, kriterji u livelli ta' fattura ta' livell għoli.

**<u>Mertu</u>**

6. Is-soċjetà attriċi ressqet diversi provi sabiex tispjega l-mod kif intlaħaq il-ftehim tal-appalt, kif ukoll sabiex tispjega kif sar ix-xogħol. **Michael Costa**, direttur tas-soċjetà attriċi, spjega li fil-mument li fih ġie ffirmat il-ftehim ta' appalt, il-pjanti kienu għadhom "provviżorji ħafna", u qal li l-pjanti għax-xogħol tal-elettriku kienu tħejjew mill-Inġinier Johan Aloisio, filwaqt li l-pjanti għall-*finishes* kienu tlestew mid-*designer* tas-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li bejn iż-żewġ settijiet ta' pjanti kien hemm xi differenzi. Ix-xhud spjega li sakemm tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett, kien hemm ċerta 'Katia', perit inkarigata mis-soċjetà

konvenuta li kienet tmur fuq is-sit u kienet anki tattendi għal xi laqgħat, għalkemm meta bdiet it-tieni fażi tal-proġett l-ebda rappreżentant mill-uffiċċju tal-Perit Buhagiar ma kien imur fuq is-sit. Qal ukoll li minkejja li x-xogħlijiet damu għaddejjin madwar tliet snin u nofs, la l-Inġinier Johann Aloisio u lanqas id-*designer* li ħejja l-pjanti tal-*finishes,* ma kienu jmorru fuq is-sit sabiex jaraw ix-xogħol għaddej. Ix-xhud spjega li dan il-proġett kien wieħed ikkumplikat għaliex nofs il-binja kienet antika u għalhekk kellha bżonn ċerti modifiki sabiex setgħet tinbidel f'dar tal-anzjani. Spjega li saru diversi modifiki fil-pjan terran, u din il-parti tax-xhieda ġiet korroborata minn diversi appaltaturi li spjegaw id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. Ix-xhud qal ukoll li huwa qatt ma ra periti jkejlu l-finituri, u la hu u lanqas in-nies tiegħu qatt ma ngħataw pjanti dwar il-finituri tal-proġett. Qal ukoll li minkejja li l-Perit Buhagiar ħareġ iċ-ċertifikat finali għax-xogħol, huwa qatt ma rah fuq is-sit. Ix-xhud qal ukoll li meta l-proġett ikun wieħed ta' ċertu kobor, bilfors li jinqalgħu il-problemi, aktar u aktar meta l-pjanti ma jkunux saru kif mistenni, u fuq is-sit ma tkunx qiegħda ssir superviżjoni kif suppost. Qal ukoll li l-*colour coding* finali tal-blokka kien responsabbilità tad-*designer,* iżda li d-*designer* f'dan il-każ kien assenti, u l-unika persuna li kien hemm komunikazzjoni magħha f'dan ir-rigward kien ċertu Emanuel Farrugia. Ix-xhud semma problema partikolari li nqalgħet wara li s-soċjetà konvenuta ilmentat mid-diskrepanzi fil-prezz ikkwotat għaż-żebgħa u l-prezz li hija intalbet tħallas, u qal li minkejja li fl-istadju tat-*tendering* kien ġie stabbilit li kienu meħtieġa żewġ passati żebgħa, wara li ngħataw dawn iż-żewġ passati ġie deċiż li l-ħitan kellhom jinżebgħu b'kuluri differenti. Ix-xhud spjega li aktar ma wieħed jiskura l-kulur taż-żebgħa, aktar jogħla l-prezz, u dan ix-xogħol addizzjonali ntalab fl-istess waqt li kienet qiegħda ssir pressjoni minn Emanuel Farrugia li

ried jospita n-nies f'din id-dar mill-aktar fis. Ix-xhud spjega r-raġunijiet għalfejn dan il-proġett ma kienx wieħed *straightforward,* la għas-soċjetà attriċi u lanqas għas-soċjetà konvenuta, u bħala eżempju tad-diffikultajiet biex jitlesta l-proġett spjega li l-binja tikkonsisti f'żewġ blokok, waħda antika u l-oħra li nbniet mill-ġdid, u għalhekk kien hemm ċerta diffikultà biex il-binja tinġab f'livell wieħed. Qal ukoll li l-Perit Buhagiar ma kienx involut direttament fil-proġett, li dan qatt ma kienx imur fuq is-sit waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, u li dan qatt ma talab li jiltaqa' mas-soċjetà attriċi jew mar-rappreżentanti tagħha, u minkejja dan finalment ġie ppreżentat kont li s-soċjetà attriċi qatt ma kienet mistiedna tipparteċipa fil-ħruġ u l-komputazzjoni tiegħu. Ix-xhud spjega wkoll għal liema raġuni kien hemm diskrepanzi fir-rata tal-prezz tal-*pregnant railing,* li kienet rata differenti minn dik stabbilita fl-istadju tat-*tendering,* u qal li d-diskrepanza kienet dovuta għall-fatt li fl-istadju tat-*tendering* id-disinni kienu għadhom mhumiex lesti. Qal ukoll li r-rati kkwotati għall-kmamar tal-banju kienu għal kmamar tal-banju normali, iżda meta nbeda x-xogħol ġie stabbilit li l-kmamar tal-banju li kellhom jitwaħħlu kellhom ikunu attrezzati għal persuni b'diżabilità. Qal li kien għalhekk li l-prezz finali varja mill-kwotazzjonijiet li ngħataw oriġinarjament, u dan għaliex sakemm tlesta l-proġett tfaċċaw esiġenzi ġodda li s-soċjetà attriċi ma kinitx mgħarrfa bihom qabel. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti sabiex jipprova dak spjegat minnu fix-xhieda tiegħu, kif ukoll dokumenti li juru li l-Inġinier Aloisio talab li jerġa' jeżamina l-kontijiet għaliex skont hu, il-klijent Emanuel Farrugia ma kienx aċċettahom.

7. **Emanuel Farrugia**, għan-nom tas-soċjetà konvenuta, fl-*affidavit* tiegħu qal li l-appalt bejn il-partijiet ġie ffirmat fl-4 ta' Frar, 2015, u x-xogħol kellu jibda fl-1 ta' Marzu, 2015, filwaqt li l-proġett kellu jdum għaddej sena. Qal li t-terminu

ġie estiż minħabba li nqalgħu xi diffikultajiet, fosthom l-għeluq ta' xi toroq. Żied jgħid li s-soċjetà attriċi waqfet taħdem fuq dan is-sit fl-aħħar ta' Settembru 2017, u l-Perit Buhagiar kien stabbilixxa li b'kollox kien hemm 173 ġurnata ta' dewmien fuq il-proġett. L-artikolu 20 tal-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula ħlas ta' penali ta' €150 għal kull ġurnata ta' dewmien għat-tlestija tax-xogħol. Ix-xhud qal li s-*safety officer* tas-soċjetà konvenuta ma kienx approva l-installazzjoni tal-i*scaffolding* u kien insista li qabel jintuża, dan kellu jiġi ċċertifikat minn inġinier. Qal ukoll li l-ispiża għall-armar kollu meħtieġ sabiex jiġi eżegwit dan l-appalt kienet tifforma parti mill-prezz maqbul bejn il-partijiet, u s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tuża l-iskuża tas-saħħa u s-sigurtà sabiex iżżid fl-ispejjeż u fil-ħlasijiet pretiżi minnha. Qal ukoll li kull diverġenza li kien hemm mill-pjanijiet oriġinali, dejjem saret bil-miktub, u għalhekk Michael Costa ma xehedx il-verità meta qal li l-i*snags* tal-proġett ġew ikkomunikati b'mod verbali, għaliex kull ilment li sar dwar dan il-proġett ġie kkomunikat bil-miktub. Ix-xhud qal li fil-ftehim ta' appalt iffirmat bejn il-partijiet, kien hemm imniżżel ċar li x-xogħol ta' żebgħa li kellu jsir kien jinvolvi *rub down wall and apply two coats of plastic emulsion paint,* u għalhekk il-ftehim kien jistipula kemm passati żebgħa kellhom jingħataw. Qal ukoll li s-soċjetà attriċi fl-ebda ħin ma ngħatat struzzjonijiet tibdel il-kuluri tal-ħitan. Qal li filwaqt li s-soċjetà attriċi kkwotat rata ta' €3.73 għal kull metru kwadru ta' żebgħa, fil-kont finali żammet €9.34 għal kull metru kwadru fir-rigward tal-ewwel erba' passati, u bir-rata ta' €14.23 għal kull metru kwadru fir-rigward tat-tieni fażi tal-proġett. Qal li dawn l-ispejjeż m'għandhiex tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li s-sistema elettronika tan-*nurse call* kienet mitluba qabel inbeda l-proġett, tant hu hekk li din tidher fil-kwotazzjonijiet oriġinali mogħtija. Emanuel Farrugia fl-

*affidavit* tiegħu qal ukoll li l-ħlasijiet mis-soċjetà konvenuta kellhom isiru fil-kors tal-appalt, iżda qal li s-soċjetà attriċi qatt ma ħarġet kontijiet minkejja li hu kien jitlob il-ħruġ tal-kontijiet b'mod kontinwu. Ix-xhud qal li n-nefqa proġettata għal dan il-proġett kienet ta' miljun Euro, u sakemm kienet kompluta l-ewwel fażi, is-soċjetà konvenuta kienet diġà nefqet €730,000. Qal ukoll li minkejja dak stipulat fil-kuntratt ta' appalt, is-soċjetà attriċi baqgħet tippressa u titlob għal aktar pagamenti. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi waqfet mix-xogħol fuq il-binja lejn l-aħħar ta' Settembru 2017, u bejn Jannar 2017 u Novembru tal-istess sena, is-soċjetà konvenuta ħallset €261,000, flus li ma kinux dovuti qabel jgħaddu tliet xhur mit-tlestija tal-proġett. Qal li f'dan iż-żmien is-soċjetà konvenuta kienet għadha mingħajr kontijiet, u li kien għalhekk li minn Jannar tal-2018, din bdiet tiddepożita ammont kull xahar fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili wara li f'Novembru tal-2017 ġiet notifikata bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru maħruġ minn terzi fil-konfront tas-soċjetà attriċi. Qal li dawn id-depożiti saru bejn Jannar tal-2018 u Ġunju tal-2018. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà konvenuta aċċettat li tħallas prezz ogħla għall-installazzjoni tal-arja kundizzjonata wara li ġiet infurmata li kien għola l-*copper.* L-istess xhud ippreżenta *affidavit* ieħor fejn semma l-i*snag list* u l-ilmenti kollha tas-soċjetà konvenuta fir-rigward ta' fażijiet differenti ta' dan il-proġett.

8. Ix-xhud spjega li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas għaż-żebgħa kellu jkun bir-rata ta' €3.73 għal kull metru kwadru, u s-soċjetà attriċi talbet ħlas għal tliet passati żebgħa iżjed milli kien oriġinarjament miftiehem. Qal li dawn il-passati addizzjonali la kienu mitluba u lanqas ma kienu meħtieġa jew approvati mis-soċjetà konvenuta, u biex kienu meħtieġa ħames passati ta' żebgħa, aktarx

li jew iż-żebgħa ma kinitx tajba jew inkella x-xogħol ma sarx sew. Qal ukoll li r-rata għat-tqegħid tal-madum ma kinitx miftiehma bejn il-partijiet, u li l-perit tas-soċjetà konvenuta kienet stabbiliet li r-rata tas-suq kienet ta' €3.90 għal kull metru kwadru, filwaqt li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob €16.90 għal kull metru kwadru. Qal li lanqas ir-rata tal-*partition wall* ma kienet maqbula bejn il-partijiet, u s-soċjetà attriċi ma kinitx talbet approvazzjoni għar-rata użata. Ix-xhud elenka punti oħra li jirriżultaw mill-fatturi, fejn il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hija ferm ogħla mir-rati tas-suq. Qal ukoll li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għal xogħol żejjed jew addizzjonali, liema xogħol ma jirriżultax li sar, bħal per eżempju fil-każ tal-madum li minflok inqala', tpoġġa madum ġdid fuq l-antik. Ix-xhud semma wkoll il-ħlas għall-i*scaffolding* li qiegħda tippretendi s-soċjetà attriċi, u qal li l-ħlas għal dan it-tagħmir kellu jkun inkluż fil-ħlas oriġinarjament miftiehem għall-kisi u għaż-żebgħa. Qal li għalhekk is-somma ta' €48,427.20 pretiża mis-soċjetà attriċi għal dan it-tagħmir mhijiex dovuta. Ix-xhud għamel riferiment ukoll għax-xogħol ta' żmantellar ta' aperturi tal-*aluminium* eżistenti, u t-tindif u r-rimi tal-istess, u qal li filwaqt li l-ftehim bejn il-partijiet kien li dan ix-xogħol kellu jiswa €2,000, is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi ħlas ta' €6,000 għal dan ix-xogħol.

**Il-Lodo Appellat**

9. Permezz tal-*lodo* arbitrali mogħti fil-21 ta' Mejju, 2021, it-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €225,724.62, bl-imgħaxijiet skont il-liġi, li għandhom jiddekorru mid-data ta' din

id-deċiżjoni, filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"5. Il-provi tas-soċjetà Unique Turnkey Ltd*

*Is-soċjetà attriċi ressqet il-każ tagħha billi pprovdiet primarjament ix-xhieda ta' Michael Costa, id-direttur tal-kumpannija Unique Turnkey Ltd u l-affidavits tiegħu mmarkati MC01 u MCX01, it-tnejn mhux datati. Dawn jinkludu sensiela ta' dokumenti, inkluż il-BOQs finali tal-proġett hekk kif ippreparati mill-quantity surveyors ta' Unique Turnkey Ltd li jammontaw għal €1,880,149.5 (VAT inkluż). Tressqu wkoll is-segwenti xhieda waqt il-kumpilazzjoni tal-provi:*

- *L-Inġinier Johann Aloisio, l-inġinier tal-proġett għall-M&E*
- *Michael Costa, id-Direttur ta' Unique Turnkey Ltd*
- *Christopher Schembri għall-QS tal-construction u finishes għal Unique Turnkey Ltd*
- *Gary Grech mill-kumpannija Unitech Solutions Ltd (subcontractor ta' Unique)*
- *Oliver Brownrigg mill-kumpannija BT commercial (AC subcontractor ta' Unique)*
- *Noel Agius mill-kumpannija BT Commercial, QS u draughtsman*
- *Noel Friggieri mill-kumpannija BT Commercial, AC installer*

*L-Arbitru ħa konjizzjoni tal-verbali tas-seduti kif ukoll is-sottomissjonijiet finali tas-soċjetà attriċi.*

*6. Il-provi tas-soċjetà 518 Active Ageing Ltd*

*Is-soċjetà intimata ressqet il-każ tagħha billi pprovdiet primarjament ix-xhieda ta' Emmanuel Farrugia, id-direttur tal-kumpannija 518 Active Ageing Ltd u l-affidavits tiegħu immarkati Dok. EF1 tas-26 ta' Ġunju, 2018 u t-tieni affidavit datat 19 ta' Ottubru, 2019 u jinkludi sensiela ta' dokumenti annessi magħhom. Ġew ippreżentati wkoll il-BOQs finali tal-proġett li ġew ippreparati mis-segwenti:*

- *Xogħol ta' kostruzzjoni minn MED Design*
- *Xogħol ta' finishes mill-perit Silvianne Camilleri*
- *Xogħol tal-mekkanika u elettriku (M&E) minn ECL Consulting Engineers*

*Il-perit tal-proġett Charles Buhagiar approva dawn il-BOQs u ċċertifika li l-proġett kollu (Phase 1 u Phase 2) li ġie jiswa €1,429,943.59 (VAT inkluż).*

*Is-soċjetà 518 Active Ageing ressqet ukoll il-provi tal-kontrotalba tagħha fejn ġiet ippreżentata ittra tal-perit Charles Buhagiar fejn jiġi stabbilit li kien hemm dewmien*

*fit-tlestija tal-proġett ta' 173 ġurnata u li hemm penali attribwibbli ta' €25,950 (Dok. AA5).*

*Ġiet ippreżentata wkoll il-lista tax-xogħlijiet mhux mitmuma jew difettużi* (snag list) *immakat Dok. AA6. L-arbitru ħa konjizzjoni tal-verbali tas-seduti kif ukoll is-sottomissjonijiet finali.*

*7. <u>Il-pagamenti li rċeviet is-soċjetà Unique Turnkey Ltd</u>*

*Fit-talba promotriċi tagħha, Unique Turnkey Ltd qed tallega li hi dovuta €577,085.08, li jfisser ukoll li hi rċeviet pagamenti li jammontaw għal:*

| | |
|---|---|
| *Totali BOQ Unique Turnkey Ltd* | *€1,880,149.05 (VAT inkluż) –* |
| *Allegat ammont dovut lil Unique* | *<u>€577,085.08 (VAT inkluż)</u>* |
| *Ħlas li Unique allegatament irċeviet* | *€1,303,063.97 (VAT inkluż)* |

*Dan il-valur ta' €1,303,063.97 jidher ukoll f'tabella ta' pagamenti li rċeviet Unique, li intbagħtet b'email mill-avukat ta' Unique Dr Pio Valletta lill-Arbitru fl-04/11/2020 (Dok. NM02). Fis-sottomissjoni ta' Unique tas-seduta tal-11/12/2020, immarkata Dok. MXC01 hemm ukoll tabella ta' pagamenti li tindika li Unique irċeviet is-somma ta' €1,253,063.97, li hu valur €50,000.00 anqas minn dak indikat fil-04/11/2020 u dedott fil-paragrafu preċedenti.*

*Fis-sottomissjoni finali ta' Unique Turnkey Ltd, fejn qed tiġi deskritta t-talba tas-soċjetà attriċi, issir referenza għall-ħlas dovut ta' €577,085.08 li matematikament ifisser li Unique tħallset €1,303,063.97.*

*Peress illi hemm qbil bejn it-talba promotriċi u n-nota ta' sottomissjonijiet finali, li hemm ħlas dovut ta' €577,085.08, l-Arbitru jirrileva li Unique qed tallega li hi tħallset is-somma ta' €1,303,063.97.*

*8. <u>Il-pagamenti li għamlet is-soċjetà 518 Active Ageing Ltd</u>*

*Is-soċjetà 518 Active Ageing qed tallega li hi ħallset total ta' €1,333,063.97 f'pagamenti li għamlet lil Unique Turnkey Ltd. Din l-informazzjoni tinsab f'Dok. AA4 mehmuża ma' Form 5* 'statement of defence'. *Hemm allura differenza bejn dak li allegatament ħallset 518 Active Ageing u dak li rċeviet Unique Turnkey Ltd:*

| | |
|---|---|
| *Pagament allegatament effettwat minn 518 Active Ageing:* | *€1,333,063.97-* |
| *Pagament li allegatament irċeviet Unique:* | *<u>€1,303,063.97</u>* |
| *Differenza:* | *€30,000.00* |

*F'email datata 27/10/2020 mibgħuta lill-partijiet ikkonċernati, l-Arbitru staqsa għall-ispjegazzjoni ta' din id-differenza. Unique irrispondiet fit-02/11/2020 b'lista ta'*

*pagamenti li hi rċeviet li jammonta għal €1,303.063.97. B'risposta, l-email ta' Emmanuel Farrugia tal-04/11/2020 tinkludi stampa ta' ċekk ta' €30,000.00 u rċevuta ffirmata minn Michael Costa għan-nom ta' Unique Turnkey Ltd. Dawn l-istampi qed jiġu mehmuża ma' dan ir-rapport (Dok. NM02). Ta' importanza l-fatt li dan iċ-ċekk ma jidhirx fil-lista ta' pagamenti li rċeviet Unique.*

*Wara li l-Arbitru ħa konjizzjoni tal-evidenza ppreżentata, jikkonkludi li l-Unique irċeviet totali ta' €1,333,063.97 u li konsegwentement it-talba ta' Unique hi ta':*

| | |
|---|---|
| *Totali BOQs Unique Turnkey Ltd* | *€1,880,149.05 (VAT inkluż) –* |
| *Pagamenti effettwati lil Unique:* | *<u>€1,333,063.97 (VAT inkluż)</u>* |
| *Talba aġġustata ta' Unique:* | *€547,085.08 (VAT inkluż)* |

*9 <u>Diskrepanzi fil-BOQs tas-soċjetà Unique Turnkey Ltd</u>*
*Fis-sottomissjonijiet ta' Unique Turnkey Ltd Dok. MC01 u Dok. MCX01 ġew esebiti s-*summary sheet *tal-BOQs u l-BOQs proprja. Normalment dawn għandhom jirrikonċiljaw però f'dan il-każ ma jaqblux:*

| | |
|---|---|
| *Totali BOQs Unique* | *€1,931,997.09 (VAT inkluż)* |
| *Totali summary sheet Unique* | *<u>€1,880,149.05 (VAT inkluż)</u>* |
| *Differenza* | *€51,848.04 (VAT inkluż)* |

*F'email datata 27/10/2020 mibgħuta lill-partijiet ikkonċernati, l-Arbitru staqsa (item 2) għall-konferma min-naħa ta' Unique illi s-summary sheet u l-BOQs huma korretti. Fir-risposta tat-02/11/2020 Unique qalet li s-summary sheet u l-BOQs jaqblu. Fis-seduta tal-11/12/2020 Michael Costa spjega li hemm differenza minħabba negozjati li saru bejn il-QS ta' Unique Milan Zdravkovic u Emmanuel Farrugia, li rriżulta f'talba mnaqqsa ta' €1,880,14905. Spjega wkoll li ma kellux referenza eżatta fejn sar it-tnaqqis u li l-BOQs baqgħu jirriflettu s-somma oriġinali ta' €1,931,997.09 però t-talba finali ta' Unique hi ta' €1,880,149.05.*

*10 <u>Il-lista tax-xogħol  mhux maqbul bejn il-partijiet</u>*

*Il-punt tat-tluq tal-kwistjoni bejn il-partijiet hi d-differenzi bejn il-BOQs tal-perit tal-proġett u l-BOQs ta' Unique Turnkey Ltd:*

| | |
|---|---|
| *Totali BOQs Unique Turnkey Ltd* | *€1,880,149.05 (VAT inkluż) –* |
| *Totali BOQs perit tal-proġett* | *<u>€1,429,943.59 (VAT inkluż)</u>* |
| *Differenza* | *€450,205.46 (VAT inkluż)* |

*L-affidavits ta' Emanuel Farrugia u Michael Costa jinkludu elenku tax-xogħlijiet mhux maqbula bejn il-partijiet u r-raġunijiet tan-nuqqas ta' qbil. Din l-informazzjoni ġiet organizzata mill-Arbitru fi* spreadsheets *li jinkludu fost l-oħrajn l-argumenti tal-*

*partijiet u d-deċiżjoni tal-Arbitru għal kull biċċa tax-xogħol mhux maqbul. Dawn l-*ispreadsheets *jinsabu annessi ma' dan ir-rapport u mmarkati Dok. NM01. Is-segwenti hi parti mill-eżerċizzju tal-Arbitru:*

*Table 1 – Summary of Arbitrator's award*

| | ***Trade in dispute*** | ***Amount disputed with VAT*** |
|---|---|---|
| *1* | *Wall paint* | *€51,332.07* |
| *2* | *Gypsum partitions* | *€6,220.28* |
| *3* | *Tiling Works* | *€30,080.88* |
| *4* | *External Railings* | *€22,213.56* |
| *5* | *Gypsum Ceilings* | *€129.60* |
| *6* | *Aluminium & Steel Works* | *€101,935.61* |
| *7* | *Scaffolding & Extra Works* | *€53,147.20* |
| *8* | *Front facade (finishes) 2nd phase only* | *€11,966.63* |
| *9* | *ELV – Cabling & Nurse Call* | *€15,497.70* |
| *10* | *M&E – Copper Piping & Cabling* | *€24,110.35* |
| | ***Totals (VAT incl.)*** | ***€316,623.87*** |

*Hu ta' importanza d-differenza li hemm bejn it-talba li jirriżulta mid-differenza ta' 'BOQ Unique v BOQ tal-perit' u t-talba li tirriżulta mill-affidavits:*

| | |
|---|---|
| *Differenza BOQ Unique v BOQ perit tal-proġett* | *€450,205.46 (VAT inkluż)* |
| *Differenza kif joħroġ mill-affidavits tal-partijiet* | *€316,623.87 (VAT inkluż)* |
| *Differenza* | *€133.581.59 (VAT inkluż)* |

*Dan ifisser li s-soċjetà Unique Turnkey Ltd issostanzjat biss parti mit-tilwima li għandha ma' 518 Active Ageing Ltd. Fis-27/10/2020 l-Arbitru bagħat email lill-partijiet ikkonċernati fejn talab (item 6) kjarifika għad-differenza bejn dak li rriżulta mid-differenza bejn il-BOQ Unique v BOQ perit u dak li jirriżulta mill-affidavits. Fit-02/11/2020 Unique irrispondiet billi qalet li ma taqbilx mal-BOQs tal-perit. Din il-korrispondenza tinsab mehmuża u mmarkata (Dok. NM03).*

*Sabiex l-Arbitru jkun jista' jidentifika l-items li wasslu għal din id-differenza, hu analizza kull item fil-BOQs tal-Unique u pprova jqabbilhom ma' dawk tal-perit tal-proġett. Dan l-eżerċizzju jinsab mehmuż (Dok. NM04). Parti minnu qed tiġi riprodotta hawnhekk:*

*Unique BOQs v MED BOQs*

| ***Description*** | ***Unique Claim (incl. VAT)*** | ***MED certified (incl. VAT)*** | ***Difference (incl. VAT)*** |
|---|---|---|---|
| *Construction works – 1st and 2nd phase* | *€417,835.52* | *€417,831.53* | *€3.99* |
| *Air conditioning – 1st and 2nd phase* | *€194,788.84* | *€158,600.25* | *€36,188.59* |
| *Front facade (finishes) 2nd phase only* | *€31,832.40* | *€18,684.22* | *€30,021.19* |
| *Plumbing 1st phase* | *€103,811.00* | *€73,789.81* | *€30,021.19* |
| *Plumbing 2nd phase* | *€58,263.00* | *€51,916.45* | *€6,346.55* |
| *Electrical 1st phase* | *€150,237.00* | *€86,953.10* | *€63,283.90* |
| *Electrical 2nd phase* | *€41,238.22* | *€45,134.74* | *-€3,896.52* |
| *ELV 1st phase* | *€114,259.48* | *€81,928.05* | *€32,331.43* |
| *Finishes 1st phase* | *€298,429.56* | *€197,883.10* | *€100,546.46* |
| *Finishes 2nd phase* | *€170,215.66* | *€142,834.76* | *€27,380.90* |
| *Aluminium 1st phase* | *€67,830.48* | *€46,612.63* | *€21,217.85* |
| *Aluminium 2nd phase* | *€128,046.57* | *€61,273.64* | *€66,772.93* |
| *Extras & Misc. 1st phase* | *€67,143.80* | *€0.00* | *€67,143.80* |
| *Extras & Misc. 2nd phase* | *€39,825.00* | *€0.00* | *€39,825.00* |
| | | | |
| ***Total (VAT incl.)*** | ***€1,931,997.09*** | ***€1,430,004.37*** | ***€501,992.72*** |

*Dan l-eżerċizzju ppreżenta s-segwenti problemi:*

a) *Li fil-BOQs ta' Unique hemm valur ta' €51,787.26 (€501,992.72-€450,205.46) li għandu jitnaqqas minn xi items hekk kif spjega Michael Costa fis-seduta tal-11/12/2020*
b) *Illi l-Arbitru ma setax ikun jaf liema items fil-BOQs tal-Unique kienu dawk li tnaqqsu wara n-negozjati bejn Milan Zdravkovic u Emmanuel Farrugia (ara punt 9 ta' dan ir-rapport), għalhekk it-talba ta' Unique tibqa' dejjem dubjuża għal kull item fil-BOQ.*
c) *Illi apparti dawk l-items identifikati fl-affidavits ta' Michael Costa, l-Arbitru ma kellu ebda prova min-naħa ta' Unique li tissostanzja r-raġuni tat-talba tagħhom.*

*Għal dawn ir-raġunijiet l-Arbitru seta' jikkonsidra biss dawk l-items li ġew identifikati fl-affidavits ta' Michael Costa u Emmanuel Farrugia, ċioe talba ta' €316,623.87 (VAT inkluż).*

*11 Id-deċiżjoni tal-Arbitru fuq talba ta' Unique Turnkey Ltd*

*L-Arbitru jikkonsidra li fil-kompilazzjoni ta' dan l-arbitraġġ tressqu provi li jammontaw għal talba ta' €316,623.87 (VAT inkluż) hekk kif ġie kkwantifikat mill-Arbitru u diskuss fis-sezzjoni 10 ta' dan ir-rapport. L-Arbitru organizza t-talba fi* spreadsheets *li jinkludu fost oħrajn l-argumenti tal-partijiet u d-deċiżjoni tal-Arbitru għal kull biċċa tax-xogħol mhux maqbul. Dawn l-i*spreadsheets *jinsabu mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkati Dok. NM01. Is-segwenti hi* 'summary sheet' *ta' Dok. NM01.*

*Table 1 – Summary of arbitrator's award*

| | ***Trade in dispute*** | ***Amount disputed with VAT*** | ***Arbitrator's award with VAT*** |
|---|---|---|---|
| *1* | *Wall Paint* | *€51,322.07* | *€22,394.52* |
| *2* | *Gypsum Partitions* | *€6,220.28* | *€1,119.65* |
| *3* | *Tiling Works* | *€30,080.88* | *€3,854.79* |
| *4* | *External Railings* | *€22,213.56* | *€13,028.40* |
| *5* | *Gypsum Ceilings* | *€129.60* | *€0.00* |
| *6* | *Aluminium & Steel Works* | *€101,935.61* | *€79,610.49* |
| *7* | *Scaffolding & Extra Works* | *€53,147.20* | *€15,980.98* |
| *8* | *Front facade (finishes) 2nd phase only* | *€11,966.63* | *€6,581.69* |
| *9* | *ELV – Cabling & Nurse Call* | *€15,497.70* | *€6,274.11* |
| *10* | *M&E – Copper piping & cabling* | *€24,110.35* | *€0.00* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***Totals (VAT incl.)*** | ***€316,623.87*** | ***€148,844.62*** |

12. *Id-deċiżjoni tal-Arbitru fuq il-kontrotalba ta' 518 Active Ageing Ltd*

*Is-soċjetà 518 Active Ageing ressqet kontrotalba li hi sofriet dannu minħabba xogħol tardiv. Din it-talba ġiet sostanzjata b'ittra mill-perit tal-proġett Charles Buhagiar fejn stabilixxa li kien hemm dewmien fit-tlestija tal-proġett ta' 173 ġurnata u li hemm penali attribwibbli ta' €25,950 (Dok. AA5). Ġiet ippreżentata wkoll il-lista tax-xogħlijiet mhux mitmuma jew difettużi* (snag list) *immarkata Dok. AA6.*

*Is-soċjetà Unique Turnkey Ltd eċċepiet għal kontrotalba billi:*

- *Illi d-dewmien seħħ minħabba varjazzjonijiet jew xogħlijiet addizzjonali ordnati minn 518 Active Ageing Ltd.*
- *Illi l-penali stipulati fil-kuntratt klawsola 20 huma applikabbli biss f'każ li ma jkunx hemm xogħol addizzjonali, u li għalhekk ma jistax jiġi applikat f'dan il-każ.*
- *Illi l-elenku tax-xogħlijiet mhux mitmuma jew xogħlijiet difettużi qatt ma ġie kkomunikat u/jew mgħoddi lil Unique Turnkey Ltd.*

*Wara li l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' dawn il-provi, il-verbali tas-seduti kif ukoll is-sottomissjonijiet finali.*

*L-Arbitru stabbilixxa:*

a) *L-ittra tal-perit tal-proġett Charles Buhagiar fejn jiddikjara 173 ġuranta ta' dewmien fit-tlestija tal-proġett u penali ta' €25,950 hi nieqsa minn spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni ta' x'wassal għal dik id-deċiżjoni.*
b) *Li l-proġett kellu sensiela ta' varjazzjonijiet u xogħol addizzjonali. Dan joħroġ mid-differenzi kbar li hemm bejn il-BOQs tal-kuntratt u l-BOQs finali tal-proġett. Għal ir-raġuni klawsola 20 tal-kuntratt ma tistax tiġi applikata hekk kif qiegħda titlob is-soċjetà intimata.*
c) *Illi s-soċjetà Unique Turnkey Ltd qatt ma għamlet xogħlijiet ta'* snagging *u xogħlijiet riparatorji f'dan il-proġett. Dan joħroġ mill-provi li ppreżentat l-istess soċjetà Unique Turnkey Ltd.*
d) *Illi fi proġett bħal dan hu mistenni li jkun hemm ħafna xogħol ta'* snagging *u xogħlijiet riparatorji. Il-fatt li Unique stqarret li qatt ma rat* snag list *tal-proġett iwassal l-Arbitru jikkonklud li Unique abbandunat ix-xogħol fil-fażi aħħarija tiegħu, qabel ma kellu jibda x-xogħol ta'* snagging.
e) *Illi Unique Turnkey Ltd kellha l-obbligu tispiċċa x-xogħol anke jekk kien hemm tilwima fuq pagamenti, speċjalment jekk kien fadal biss l-i*snagging *u xogħlijiet riparatorji.*

f) *Illi l-abbandun tax-xogħol ħoloq sitwazzjoni fejn is-soċjetà 518 Active Ageing kellha tqabbad nies a spejjeż tagħha biex jagħlqu x-xogħlijiet pendenti.*
g) *Illi wara li l-Arbitru analizza sew il-lista u r-ritratti ta' xogħlijiet ta'* snagging *esebiti mis-soċjetà 518 Active Ageing, l-Arbitru jikkonkludi li kien hemm bejn wieħed u ieħor spiża ta' €20,000 (VAT inkluż) sabiex ix-xogħlijiet ta'* snagging *jitlestew minn kuntrattur ieħor.*

*13.* *<u>Konlużjonijiet</u>*

*Wara li l-Arbitru ħa konjizzjoni tal-provi kollha miġbura inkluż l-affidavits tal-partijiet, il-BOQs tal-perit tal-proġett, il-BOQ ta' Unique Turnkey Ltd, ix-xhieda li tressqu waqt is-seduti u s-sottomissjonijiet finali mill-avukati tal-partijiet, l-Arbitru lesta l-analiżi tal-provi u ġew mehmuża ma' din id-deċiżjoni Dok. NM01, Dok. NM02, Dok. NM03, Dok. NM04 u Dok. NM05 u kkonkluda:*

I. *Fuq it-talba tas-soċjetà Unique Turnkey Ltd li għandha tieħu €577,085.08 (VAT inkluż), l-Arbitru jikkonkludi li hi dovuta dak li jirriżulta mis-segwenti:*

| | |
|---|---|
| *Ċertifikat BOQs tal-perit tal-proġett* | *€1,429,943.59 (VAT inkluż) –* |
| *Ċertifikat extra mill-Arbitru* | *<u>€148,844.62 (VAT inkluż)</u>* |
| *Totali tal-proġett wara l-arbitraġġ:* | *€1,578,788.21 (VAT inkluż)* |
| | |
| *Totali tal-proġett wara l-arbitraġġ:* | *€1,578,788.21 (VAT inkluż) –* |
| *Ħlas mill-kumpannija 518 Active Ageing:* | *<u>€1,333,063.97 (VAT inkluża)</u>* |
| | |
| ***Ammont totali dovut lil Unique Turnkey Ltd*** | ***€245,724.24 (VAT Inkluż)*** |

II. *Fuq il-kontrotalba tal-518 Active Ageing Ltd li s-soċjetà Unique Turnkey Ltd għandha teħel penali ta' €25,950 minħabba dewmien ta' 173 ġurnata l-Arbitru jikkonkludi li l-penali għandhom ikunu biss ta' għoxrin elf euro (€20,000).*

*Għalhekk is-soċjetà 518 Active Ageing Ltd għandha tħallas lis-soċjetà Unique Turnkey Ltd €245,724.24 - €20,000 =* ***€225.724.62*** *(mitejn ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin euro u tnejn u sittin ċenteżmu). Bl-interessi skont il-liġi, liema interessi jibdew jiddekorru mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

III. *L-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ, skont it-Taxxa Uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, li qiegħda tiġi annessa ma' din id-deċiżjoni u mmarkata Dokument Ittra X, għandhom jiġu sopportati in kwantu għal 50% minn Unique Turnkey Ltd u għal 50% minn Active Ageing Ltd.*

**L-Appell**

10. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk qiegħda titlob lil din il-Qorti:

*"... jogħġobha tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tal-21 ta' Mejju, 2021 u notifikata lis-soċjetà appellanti Unique Turnkey Limited fil-ħdax (11) ta' Ġunju, 2021, in bażi għall-gravami fuq esposti u ċioe kwantu għall-ammont kanonizzat, kwantu għat-tnaqqis mill-ammont kanonizzat tal-ammont likwidat bħala valur tal-penali għad-dewmien, kwantu għad-data meta l-interessi legali għandhom jibdew jiddekorru u kwantu għall-ispartizzjoni tal-ispejjeż u jikkonfermawha fir-rigward tal-bqija, dan kollu bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra s-soċjetà appellata 518 Active Ageing Limited."*

11. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex fil-paragrafu 13 intitolat 'Konklużjonijiet tal-Lodo', l-Arbitru kkonkluda li l-ammont ċertifikat *extra* minnu jammonta għal mija tmienja u erbgħin elf, tmien mija u erbgħa u tmenin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€148,884.62), u l-valur ta' dawn ix-xogħlijiet hekk meqjusa żejda jinsab rappreżentat f'numru ta' *spreadsheets* annessi mal-*lodo* arbitrali. Is-soċjetà appellanta qalet li jekk wieħed kellu jqis is-somom indikati mill-Arbitru, u jikkomputahom, it-total li wieħed jasal għalih hu ta' €153,945.26 u mhux €148,844.62. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk il-valur totali tal-proġett wara li saru l-proċeduri ta' arbitraġġ għandu jkun ta' €1,583,888.70, u jekk minn dan il-valur totali titnaqqas is-somma li tħallset mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta, jiġifieri €1,333,063.97, il-bilanċ dovut lis-soċjetà appellanta kellu jiġi kkomputat fis-somma ta' €250,824.10.

12. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal iddeċieda li minn dan l-ammont għandha titnaqqas is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) rappreżentanti penali għad-dewmien. Qalet li huwa paċifiku li t-Tribunal irrikonoxxa li kien hemm xogħol addizzjonali (*extra*) li kien jikkostitwixxi varjazzjoni mix-xogħol oriġinali kkuntrattat. Żiedet tgħid li ladarba ġie stabbilit dan l-istat ta' fatt u ta' dritt, u applikati t-termini u kundizzjonijiet naxxenti mill-ftehim ta' appalt tal-4 ta' Frar, 2015, it-Tribunal kellu jispjega kemm kienu l-ġranet addizzjonali meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-varjazzjonijiet u xogħlijiet addizzjonali, u kif dawn il-ġranet ġew riflessi, fattorizzati u kkomputati għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ġranet ta' dewmien u tal-likwidazzjoni tal-valur tal-penali għad-dewmien. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jagħmel dan, u mingħajr ma ta ebda spjegazzjoni, motivazzjoni jew raġuni, naqqas l-ammont ta' ħamest elef, disa' mija u ħamsin Euro (€5,950) mill-ammont pretiż mis-soċjetà appellata. Qalet li dan in-nuqqas ta' spjegazzjoni, motivazzjoni u raġuni seħħ fl-isfond ta' stqarrijiet tat-Tribunal stess li qal li l-ittra tal-Perit Charles Buhagiar li tistipula li kien hemm 173 ġurnata ta' dewmien, hija nieqsa minn spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni, u l-proġett kellu sensiela ta' varjazzjonijiet u xogħol addizzjonali, kif jirriżulta mid-differenzi bejn il-BOQs tal-kuntratt u l-BOQs finali tal-proġett. It-Tribunal iddeċieda li għalhekk il-klawsola 20 tal-kuntratt ma tistax tiġi applikata kif mitlub mis-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba ġie stabbilit li l-ittra tal-Perit Buhagiar hija nieqsa minn spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet dwar kif ġew ikkomputati l-ġranet ta' dewmien indikati fl-ittra, dik l-ittra kellha tiġi skartata u meqjusa bħala insuffiċjenti kif ukoll li hija nieqsa minn element ta' riskontru oġġettivament verifikabbli. Qalet ukoll li jekk kien hemm sensiela ta' varjazzjonijiet u xogħol

addizzjonali li joħroġ mid-differenzi bejn il-BOQs oriġinali u dawk maħruġa wara li tlesta l-proġett, għandha tingħata spjegazzjoni dwar kif tnaqqas biss l-ammont ta' €5,950, u t-Tribunal kellu jispjega dan it-tnaqqis kif ġie kkomputat f'termini ta' ġranet ta' dewmien in relazzjoni mad-differenzi kbar riskontrati mit-Tribunal f'termini ta' varjazzjonijiet u xogħol addizzjonali. L-appellanta staqsiet ukoll it-Tribunal kif wasal għall-komputazzjoni ta' €20,000 meta l-Arbitru ddeċieda li l-klawsola 20 tal-kuntratt ma kellhiex tiġi applikata.

13. Aggravju ieħor iċċitat mis-soċjetà appellanta huwa dwar l-imgħaxijiet legali fuq l-ammont kanonizzat bħala dovut mis-soċjetà appellata 518 Active Ageing Limited, li l-Arbitru ddeċieda li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-*lodo* arbitrali, filwaqt li ma ta l-ebda raġuni għad-deċiżjoni tiegħu. Qalet li huwa ċert li l-kreditu pretiż minnha kien wieħed likwidu u definit, u li bil-proċeduri mibdija minnha hija talbet il-kanonizzazzjoni tiegħu. Qalet ukoll li l-imgħaxijiet dovuti konsegwenti għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, huma imgħaxijiet moratorji u mhux imgħaxijiet kompensattivi bħal ma jiġri fejn tintalab il-likwidazzjoni ta' ammonti jew ta' danni. Qalet li għalhekk il-ġudikant m'għandux diskrezzjoni jekk jakkordax l-imgħaxijiet u kif jakkordahom, iżda għandu jimxi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 1141 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-obbligazzjoni kkontrattata bejn il-partijiet hija ta' xorta kummerċjali, u għalhekk kellhom jiddekorru imgħaxijiet bit-8% fis-sena fuq il-kreditu reklamat mis-soċjetà appellanta. Qalet li dan l-imgħax għandu jitħallas minn dakinhar li kellu jsir il-ħlas tal-ammont kanonizzat, jiġifieri minn dakinhar li ġie ppreżentat il-kont lis-soċjetà appellata għall-ħlas ta' dak dovut. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-agħar ipotesi, it-Tribunal seta' jitlob li l-

imgħaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar li ġiet ippreżentata t-talba għall-ħlas fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u mhux mid-data tad-deċiżjoni tiegħu.

14. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata wkoll mill-parti tad-deċiżjoni dwar l-apporzjonament tal-ispejjeż, u qalet li hemm diversi okkażjonijiet fejn il-Qrati tagħna ddeċidew li l-ispartizzjoni tal-ispejjeż *pro rata* bejn il-kontendenti fir-rigward tar-rebħ u t-telf rispettiv mhux dejjem hemm lokha, u dan għaliex jista' jagħti l-każ li l-Qorti tkun gwidata minn prinċipji oħra li jistgħu jinfluwixxu fuq il-kap tal-ispejjeż. Qalet li f'dan il-każ it-Tribunal irrikonoxxa li kien hemm varjazzjonijiet u xogħlijiet addizzjonali kbar, u għadda sabiex ikkanonizza l-valur tagħhom. L-istess Tribunal iddeċieda wkoll li l-ittra tal-Perit Charles Buhagiar, fejn iddikjara li kien hemm 173 ġurnata ta' dewmien fit-tlestija tal-proġett, hija nieqsa minn spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni, u li l-penali għad-dewmien mhijiex mistħoqqa għaliex il-proġett kellu sensiela ta' varjazzjonijiet u xogħol addizzjonali, u għalhekk il-klawsola 20 fil-kuntratt ta' appalt m'għandhiex tiġi applikata. Is-soċjetà appellanta kkonkludiet li għalhekk dawn il-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet kellhom jinfluwixxu fuq l-ispartizzjoni tal-ispejjeż, b'tali mod li jiġi dipartit il-prinċipju li l-ispejjeż għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

15. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li l-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta ġie ppreżentat *fuori termine* u għalhekk m'għandux jiġi kkonsidrat. Spjegat li ċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ informa lis-soċjetà appellata li l-

*lodo* arbitrali ġie ċċirkolat lill-partijiet fil-11 ta' Ġunju, 2021, u żied jgħid li dan l-appell huwa regolat bit-terminu stabbilit fl-artikolu 70(2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta ta' ħmsitax-il ġurnata min-notifika tal-*lodo*.

16. Mingħajr preġudizzju għal dan, is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru kien wieħed metikoluż u korrett, għajr għal żball ta' konteġġ li s-soċjetà appellata mhijiex topponi għall-korrezzjoni tiegħu. Qalet ukoll li fi stadju ta' appell, mhux solitu li jiġi ddisturbat l-apprezzament li jkun sar mill-Ewwwel Qorti, u f'dan il-każ dan għandu japplika aktar għaliex l-arbitraġġ kien fuq materji kompletament tekniċi. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, li fil-komputazzjoni tal-Arbitru kien hemm żball materjali ta' €5,100.63, is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta għandha raġun u fl-*ispreadsheet* li ppreżenta l-Arbitru hemm diskrepanza fir-rigward tal-ħlas għall-*gypsum partitions.* Fi kwalunkwe każ s-soċjetà appellata qalet li hija mhijiex sejra tikkontesta dan l-ammont.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju fejn jingħad li kien hemm nuqqas ta' spjegazzjoni mill-Arbitru dwar l-ammont imnaqqas għal dewmien żejjed biex tlesta l-proġett, is-soċjetà appellata qalet li din hija kwistjoni purament teknika. Qalet li huwa stat ta' fatt li l-Arbitru kellu quddiemu mhux biss id-dati dwar meta kellu jitlesta l-proġett, iżda anki d-data meta fl-opinjoni professjonali tal-perit tal-proġett, il-proġett seta' jitqies li ġie fi tmiemu. Qalet ukoll li l-perit tal-proġett kien igawdi l-fiduċja tal-partijiet. Is-soċjetà appellata saħqet li l-Arbitru kellu quddiemu l-inkartament tekniku, inkluż il-varjazzjonijiet li saru fuq il-proġett, u għalhekk seta' jaħdem l-ammont ġust ta' penali li kellu jitnaqqas fiċ-ċirkostanzi. Qalet li l-Perit naqqas aktar minn ħamest elef Euro minn dak likwidat mill-perit

tal-proġett. Żiedet tgħid li huwa stat ta' fatt li l-proġett ħa żmien aktar milli kien previst, u li l-kalkolu tal-perit tal-proġett kien korrett, u għalhekk ma kienx hemm għalfejn li dan l-ammont, li diġà kien konservattiv, jitnaqqas ulterjorment. Is-soċjetà appellata qalet li dan il-kalkolu kien riżultat ta' eżerċizzju tekniku, u li m'għandhiex tkun din il-Qorti li tissostitwixxi l-ġudizzju tekniku tal-Arbitru.

18. Is-soċjetà appellata qalet li l-soċjetà appellanta m'għandhiex raġun fl-aggravju tagħha dwar minn meta kellhom jiġu kkomputati l-imgħaxijiet legali. Spjegat li l-partijiet daħlu fi ftehim bejniethom fl-4 ta' Frar, 2015, u li t-termini ta' dak kollu nnegozjat tniżżel f'dan il-ftehim. Qalet li skont il-klawsola 5(vi) tal-ftehim il-partijiet ħasbu biex jirregolaw x'għandu jiġri f'każ ta' diżgwid dwar xi ammont dikjarat bħala dovut mill-perit tal-proġett, kif ukoll li l-imgħax fuq kwalunkwe ammont bħal dan m'għandux jibda jiddekorri qabel id-disputa tkun riżolta. Qalet li għalhekk il-ftehim bejn il-partijiet kien li f'każ ta' disputa, għandu japplika dak miftiehem bejn il-partijiet fl-iskrittura li tat lok għall-obbligazzjoni kummerċjali.

19. Finalment, is-soċjetà appellata qalet li l-Arbitru kien korrett meta ddeċieda li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex qabel kull ħaġa oħra tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà appellata, fejn qalet li l-appell imressaq mis-soċjetà appellanta ġie ppreżentat *fuori termine.* F'dan ir-rigward, il-Qorti

tirrileva li l-artikolu 70B (2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabbilixxi illi appell minn deċiżjoni tal-Arbitru għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali, filwaqt li l-artikolu Sitta tar-Raba’ Skeda tal-istess Att jistipula li d-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li d-deċiżjoni tingħata fil-miftuħ. Is-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha spjegat li hija ġiet notifikata bil-*lodo* arbitrali fil-11 ta’ Ġunju, 2021, filwaqt li l-appell tagħha ġie ppreżentat fl-1 ta’ Lulju, 2021. Dan ifisser li l-appell odjern ma ġiex ippreżentat fit-terminu stabbilit fil-liġi. F’dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppina Caruana *vs.* Charles Psaila**, tal-21 ta’ Marzu, 1997, fejn il-Qorti qalet:

> “Innegabilment, it-termini għall-appell minn sentenzi, kemm taħt il-liġi ritwali ordinarja, kif ukoll taħt il-liġijiet speċjali, jiddekorru għal fatt materjali tat-trapass taż-żmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, m’hemmx possibilità la ta’ proroga, u lanqas ta’ sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi previsti. Ad eżempju fejn il-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta’ Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b’konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provdimenti sanatorji jew ta’ rimessjoni, ankorke d-dekors inutli tagħhom ma jkunx imputabbli lill-parti interessata. Dan għall-motiv illi dik l-improrogabilità hi hekk neċessarja għal raġuni ta’ ċertezza u wkoll, t’uniformità. Sewwa ħafna ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi “l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f’liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta’ ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.”

Il-Qorti tqis illi ladarba ġie stabbilit li l-appell tal-appellant iddaħħal aktar tard mit-terminu stabbilit fil-liġi, hija ma tista’ tieħu l-ebda konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-appell odjern ġie ppreżentat *fuori termine,* u għalhekk m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**